# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Frar 2022**

**Kawza Numru: 34**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 934/2021 JVC**

**Iouri Nikolayevich Gouchtchine [KI 234818L] kif rappreżentat mill-madatarju speċjali tiegħu Sergey Aleksandrovtich Nesterov u Nadejda Gouchtchina [KI 413018L] kif rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha Evgenii Ignatev**

**vs**

1. **Direttur tar-Reġistru Pubbliku**
2. **Direttur (Reġistrazzjoni Ċivili)**
3. **Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti ir-rikorrenti kkonferma bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. 'Illi, preliminarjament jiġi rilevat li r-rikorrenti huma debitament rappreżentati mill-mandatarji sġeċjali tagħhom ai termini ta' prokuri speċjali maħruġa minnhom iddatati l-rispettivament, kopja ta' liema prokuri qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala **DOK 'A'** u **'B'** rispettivament;

2. Illi, preliminarjament jiġi rilevat li dan ir-rikors qiegħed jiġi redatt u ppreżentat lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-**Art. 253** *et seq.* tal-**Kodiċi Ċivili [Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta];**

3. Illi, l-atturi rikorrenti iżżewġu nhar id-**29.07.1993** ġewwa Moska, Russja, kif muri fuq l-Att taż-Żwieġ oriġinali Russu li jġib in-numru progressiv **1011**, kopja ta' liema att, bi-lingwa Russa debitament tradott, qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'C'**, filwaqt l-Att taż-Żwieġ maħruġ mir-Reġistru Ċivili ta' Malta, li jġib in-numru progressiv **1853** u li huwa ddatat il-**05.07.2018** qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'D'**;

4. Illi, **Iouri Nikolayevich Gouchtchine,** detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru **234818L**, kopja ta' liema karta tal-identita` qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **DOK 'E'** li huwa residenti ġewwa l-fond *Blk. 15, Fl. 93, Vjal Portomaso, San Giljan, Malta*;

5. Illi, l-Att tat-Twelid Malti tal-attur, kopja ta' liema att qiegħed jiġi hawn annness u mmarkat bħala **DOK 'F'**, liema att huwa ddatat 17.04.2018 għandu in-numru progressiv **2348** iġib fit-

tieni rig tal-ħames kolonna it-tieni isem tiegħu bħala **'Nikolayevich'**;

6. Illi, dan it-tieni isem huwa isem **<u>patronomiku</u>**, li jidentifika missier il-parti. Tant hu hekk li l-isem patronomiku tal-mara huwa **'Aleksandrovna'**, li pero ma ġiex riprodott fuq id-dokumenti ta' identifikazzjoni tagħha[1], kemm il-darba jidher fuq l-Att ta' Twelid tagħha[2];

7. Illi, kemm il-darba din ir-reġistrazzjoni **<u>hija korretta</u>**, l-użu ta' dan l-isem patronomiku, kif jidher fuq l-Att tat-twelid u d-dokumenti kollha minnu naxxenti, ċjoe` ad exemplum il-passaport u l-karta tal-identita`, qed toħloqlu problemi ta' konfużjoni ta' identita` meta jiġi biex juzahom ma' istituzzjonijiet privati jew xort'oħra tal-iStat, senjatament barra minn Malta, u għalhekk jixtieq jiprevalixxi ruħu mid-dritt tiegħu li dan it-tieni isem patronomiku ma jibqax jidher fuq l-Att tat-Twelid;

8. Illi, di fatti l-attur ma huwiex magħruf bħala Iouri Nikolayevich Gouchtchine u bħala eżempju ta' dan hemm il-passaport ta' Seychelles u tal-Federazzjoni Russa, fejn huwa ċittadin hemmhekk ukoll, kif ukoll numru ta' dokumenti bankarji, kontijiet ta' servizzi utilitarji fejn huwa manifest li huwa magħruf bħala **'Iouri Gouchtchine'** biss, kopja ta' liema dokumenti qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati komplessivament bħala **DOK 'IG1' SA 'IG10'**;

9. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrent Iouri Nikolyaevich Gouchtchine twieled fl-**01.08.1944** f'dik li kienet dak iż-żmien l-**Unjoni Sovjetika**, illum il-**Federazzjoni Russa**;

[1] la il-karta tal-identità u lanqas il-passaport
[2] ara aktar l-isfel fuq dan ir-rikors.

10. Illi, bħala prova ta' dan ir-rikorrent Iouri Nikolayevich ppreżenta lill-Awtorità Maltija kopja awtentitkata, tradotta u apostilizzata taċ-Ċertifikat tat-Twelid oriġinali tiegħu, kopja ta' liema Ċertifikat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'G'**;

11. Illi, madanakollu ħafna mid-dettalji kontenut fiċ-Ċertifikat tat-Twelid huma assenti minn dak Malti, bħal per eżempju, il-lok tat-Twelid;

12. Illi, minkejja dan, il-lok tat-Twelid tar-rikorrent, jidher fuq iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tiegħu, sija dak Malti kif ukoll dak Russu kif ser jingħad aktar il-quddiem;

13. Illi, kemm il-darba il-post tat-twelid ġie fedelment riportat fuq l-karta tal-identita` tal-attur, fuq il-passaport il-lok tat-twelid tiegħu huwa miktub bħala **'SUN'**, liema abbrevjazzjoni qegħeda toħloq konfużjoni meta hu juża l-passaport tiegħu barra minn Malta u dana peress li m'huwiex faċilment identifikabbli pajjiż twelidu b'din l-abbrevjazzjoni, kopja ta' liema passport qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'H'**;

14. Illi, għaldaqstant ir-rikorrent jirrileva li l-abbrevjazzjoni għandha tiġi mibdula għal waħda li tkun internazzjonalment rikonoxxibbli bħala '**USSR**' jew alternativament '**RUS**';

15. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Att tat-Twelid Malti tal-attriċi **Nadejda Gouchtchina**, similment għal dak tar-rikorrent raġel, liema att huwa iddatat il-**05.07.2018**, li għandu in-numru progressiv **4130** ma jirrappurtax il-lok ta' Twelid tar-rikorrenti, kopja ta' liema Att qiegħed jiġi hawn anness

u mmarkat bħala **DOK 'K'** u dan minkejja l-fatt li r-rikorrenti ppreżentat kopja oriġinali, awtentitkata u apostilizzata tal-Att tat-Twelid Russu tagħha, kopja ta' liema Att qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'L'**;

16. Illi, minkejja dan, il-lok tat-Twelid tar-rikorrent, jidher fuq iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tagħha, sija dak Malti kif ukoll dak Russu, kif ser jingħad aktar il-quddiem;

17. Illi, in tema ta' postiijiet tat-twelid, l-abbrevjazzjoni assenjata lil-mara tirrendi is-sitwazzjoni tal-attriċi agħar minn dik tar-raġel tagħha, fejn inspjegabilment il-lok tat-twelid tagħha fuq il-karta tal-identita` tagħha ġiet imniżżla li **ma hijiex waħda reperibbli**[3], kopja ta' liema karta tal-identita` qegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala **DOK 'I'**, filwaqt li fuq il-passaport ġie miktub bħala **'ZZZ'**, kopja ta' liema tal-passaport qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'J'**;

18. Illi, hija inspjegabbli il-għalhiex ġie miktub il-post tat-twelid tar-rikorrenti b'dak il-mod stante li l-postijiet tat-twelid tal-konjuġi Gouchtchine/a manifestament jirriżulta mill-Att taż-Żwieġ tagħhom, fejn jidher li ir-raġel twieled ġewwa l-belt ta' **Kemerovo Oblast** u l-mara twieldet ġewwa l-belt ta' **Novosibirsk**, it-tnejn li huma ibliet ġewwa dik li kienet l-Unjoni Sovjetika, illum il-Federazzjoni Russa;

Għaldaqstant, umilment jitlobu r-rikorrenti, a tenur tal-provi dokumentarji kollha hawn annessi, kif ukoll dawk il-provi kollha produċibbli fl-istadju opportun tas-smigħ ta' dan ir-rikors, sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u id-Direttur (Reġistrazzjoni Ċivili) sabiex:

---

[3] forsi dan huwa kaġun tal-fatt li l-post ma jidhirx fl-Att tat-Twelid Malti.

1. Fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv **2348** liema Att huwa ddatat l-**17.04.2018** li jirreferi għat-twelid tal-attur **Iouri Nikolayevich Gouchtchine** li seħħ nhar l-**11.06.1944**, fil-kolonna intestata '*Ismijiet Mogħtija*' u fir-rig intestat '*Tagħrif dwar it-Tarbija*' li tinsab fil-kolonna, jitħassar u jiġi kkanċellat l-isem patronomiku **'Nikolayevich**' stante li l-isem li l-attur huwa magħruf bih huwa biss **'Iouri'**; u konsegwentement

2. Tordna li t-tibdil fl-Att ta' Twelid ta' **Iouri Nikolyavich Gouchtchine** jiġi rifless f' kull Att tal-Istat Ċivili relattiv għalih a tenur l-**Art 253(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Tididkjara li l-lok ta' twelid tar-rikorrenti konjuġi Gouchtchine/a bħala l-**Unjoni Sovjetika** jew alternativament il-**Federazzjoni Russa**; u konsegwentement;

4. Tordna it-tibdil tal-isem tal-post tat-twelid riportat fil-passaport taż-żewġ rikorrenti sabiex jirrifletti il-pajjiż fejn twieldu l-atturi u dan b'mod internazzjonalment rikonoxxibli, preferibliment bl-abbrevjazzjonijiet **'USSR'** jew **'RUS'**;

5. Tagħti kwalsijasi ordni jew direttiva li jidrilha opportuna u xierqa.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament, l-esponent jibda billi jirrileva illi minbarra b'dan ir-rikors, ġie nnotifikat ukoll bir-rikors ġuramentat numru 1024/21 JVC fl-istess ismijiet li jitratta l-istess mertu, fejn it-talbiet tar-rikorrenti huma identiċi għal dawk imressqa permezz

ta' dan ir-rikors ġuramentat promotur, u għalhekk l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti għandhom jirregolaw ruħhom stante illi ma jistax ikun hemm aktar minn relazzjoni ġuridika waħda bejn l-istess partijiet dwar l-istess mertu billi dan jimplika pluralità ta' deċiżjonijiet dwar l-istess kwistjoni, u għalhekk tqum il-kwistjoni ta' *lis alibi pendens;*

**2.** Illi in vena preliminari wkoll, l-esponent jeċċepixxi illi d-Direttur (Reġistrazzjoni Ċivili) u l-Avukat tal-Istat mhumiex leġittimi kontraditturi stante illi ai termini tal-artikolu 306(5) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, "Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkun l-unika persuna kompetenti biex jirrappreżenta f'kull kapaċità lir-Reġistru Pubbliku f'kull proċeduri legali taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra." Għaldaqstant, sia d-Direttur (Reġistrazzjoni Ċivili) u l-Avukat tal-Istat għandhom ikunu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

**3.** Illi in oltre, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti għandhom jitolbu illi ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawża istanti ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi mill-att tat-twelid u mid-dokumentazzjoni uffiċjali tar-rikorrenti Nadejda, jirriżulta li l-kunjom li jappartjeni lilha effettivament huwa Gouchtchina, u mhux Goutchina kif indikat fl-okkju tar-rikors ġuramentat promotur;

**4.** Illi preliminarjament ukoll, għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

**5.** Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti;

**6.** Illi sa fejn ir-rikorrenti jilmentaw dwar dettalji neqsin u/jew l-isem kif miktub fiċ-ċertifikati tat-twelid ta' Iouri Nikolayevich Gouchtchine innumerat 2348/2018 u ta' Nadejda Gouchtchina innumerat 4130/2018, l-esponent jissottometti illi r-reġistrazzjoni ta' atti tal-istat ċivili esteri fir-Reġistru Pubbliku f'pajjiżna ssir ai termini tal-artikolu 244 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, billi l-esponent jittraskrivi l-informazzjoni li tinsab fl-att esteru *ad verbatim* fl-att lokali;

**7.** Illi l-esponent qed iressaq għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kopja tat-talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrent Iouri Nikolayevich Gouchtchine f'pajjiżna, li magħha hemm anness iċ-ċertifikat tat-twelid Russu tiegħu, debitament tradott għal-lingwa Ingliża. Dan id-dokument qed jiġi mmarkat Dok. DRP 1, u minnu jirriżulta illi l-att tat-twelid lokali innumerat 2348/2018 jirriproduċi testwalment l-informazzjoni li tinsab fl-att tat-twelid esteru, u għalhekk evidentement ma sar ebda żball u ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-esponent;

**8.** Illi bl-istess mod, l-esponent qed iressaq ukoll għall-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kopja tat-talba għar-reġistrazzjoni tal-att tat-twelid tar-rikorrenti Nadejda Gouchtchina f'pajjiżna, li magħha hemm anness iċ-ċertifikat tat-twelid Russu tagħha, debitament tradott għal-lingwa Ingliża. Dan id-dokument qed jiġi mmarkat Dok. DRP 2, u minnu jirriżulta illi l-att tat-twelid lokali innumerat 4130/2018 jirriproduċi testwalment l-informazzjoni li tinsab fl-att tat-twelid esteru tagħha, u għalhekk

evidentement anke f'dan il-każ, ma sar ebda żball u ma kien hemm ebda nuqqas da parti tal-esponent;

**9.** Illi mingħajr preġudizzju għal dak premess, l-esponent jissottometti illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

**10.** Illi fir-rigward tat-tieni talba attriċi, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-ewwel talba attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**11.** Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi, biss umilment jirrileva li r-rikorrenti għandhom jirregolaw ruħhom u jitolbu illi f'każ li l-Qorti tkun sodisfatta illi l-post tat-twelid tar-rikorrenti huwa l-Unjoni Sovjetika jew il-Federazzjoni Russa, tali dikjarazzjoni għandha tkun riflessa fuq l-atti tat-twelid relattivi;

**12.** Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, l-esponent jirrileva illi huwa mhux responsabbli għall-ħruġ tal-passaporti, u għalhekk ma jistax jiġi ordnat iwettaq xi tibdil f'tali dokumenti uffiċjali li mhumiex fil-kompetenza tiegħu stante illi mhumiex atti tal-istat ċivili ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

**13.** Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**14.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'.

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat li minnhom jirrizulta li effettivament ir-rikorrenti Iouri Nikolayevich Gouchtchine huwa komunement maghruf bl-isem ta' Iouri Gouchtchine u l-post ta' twelid tieghu huwa Kamenny Klyutch, Kemerovo, USSR, filwaqt li fil-kaz ta' martu Nadejda Gouchtchina l-post ta' twelid taghha huwa dak ta' Novosibirsk Oblast, USSR;

Rat l-affidavits ta' Andrew Ulizki (fol. 103), Yuri Khlebnikov (fol. 104), Lucie A. Pool (fol. 105) u Josep Maria Masats Aznar (fol. 106) fejn ilkoll ikkonfermaw li ilhom jafu lir-rikorrenti Iouri Nikolayevich Gouchtchine bl-isem ta' Iouri Gouchtchine ghal numru ta' snin u stqarrew li jekk ir-rikorrenti kellu juza l-isem Nikolayevich b'zieda ma' l-isem Iouri Gouchtchine jinholoq konfuzjoni u piz zejjed fuqu.

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi esebita fl-atti a fol. 108 *et seq* tal-process.

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Jannar, 2022 b'referenza ghat-tielet eccezzjoni Dr Etienne Calleja talab korrezzjoni fir-rikors guramentat sabiex kull fejn hemm miktub il-kunjom 'Goutchina' dan ghandu jaqra 'Gouchtchina', rat li l-intimat irrimetta ruhu u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat l-korrezzjoni hemm mitluba ghalhekk konsegwentament Dr Charlene Muscat ghad-direttur intimat irtirat it-tielet eccezzjoni.

Rat illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata stante li l-kawza bir-rikors guramentat numru 1024/2021JVC fl-istess ismijiet giet ceduta fl-ewwel seduta tat-8 ta' Frar, 2022.

Rat is-sub-artikolu 5 tal-Artikolu 305 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi illi: *'Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkun l-unika persuna kompetenti biex jirrappreżenta f'kull kapaċità lir-Reġistru Pubbliku f'kull proċeduri legali taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra.'* u ghalhekk l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku b'referenza ghat-tieni eccezzjoni preliminari jirrizulta li ghandu ragun jeccepixxi li d-Direttur (Reġistrazzjoni Ċivili) u l-Avukat tal-Istat m'humiex il-legittimi kontraditturi ghalkemm huwa minnu dak li jissottomettu r-rikorrenti li sabiex tkun proceduralment korretta din l-eccezzjoni kellha effettivament titqajjem mill-intimati l-ohra debitament notifikati permezz ta' rispsota fl-atti u mhux jibqghu kontumaci.  Fi kwalunkwe kaz izda din il-procedura fl-atti odjerni kienet isservi biss sabiex izzid l-ispejjez.

In vista ta' dak kollu suespost, fl-ahjar interess tar-rikorrenti u b'mod partikolari tal-pubbliku in generali, sabiex jigi evitat li jkun hemm dubji u tinholoq konfuzjoni dwar l-isem u l-post tat-twelid tar-rikorrenti, l-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma

gustifikati u sa fejn huma kompatibbli ma' dak suespost ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni preliminari u tat-tielet eccezzjoni stante li gew sorvolat fil-mori tal-kawza;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni u tiddikjara li d-Direttur (Registrazzjoni Civili) u l-Avukat tal-Istat mhumiex legittimi kontraditturi;

3. Tichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

4. Tilqa' l-ewwel talba u tordna li fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv **2348** liema Att huwa ddatat l-**17.04.2018** li jirreferi ghat-twelid tar-rikorrent Iouri Nikolayevich Gouchtchine li sehh nhar l-**11.06.1944**, fil-kolonna intestata '*Ismijiet Moghtija*' u fir-rig intestat '*Taghrif dwar it-Tarbija*' li tinsab fil-kolonna, jithassar u jigi kkancellat l-isem patronomiku '**Nikolayevich**' stante li l-isem li r-rikorrent huwa maghruf bih huwa biss '**Iouri**';

5. Tilqa' t-tieni talba u tordna li t-tibdil fl-Att ta' Twelid ta' **Iouri Nikolyavich Gouchtchine** jigi rifless f'kull Att tal-Istat Civili fil-poter tad-Direttur intimat u relattiv ghalih a tenur tal-**Artikolu 253(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**;

6. Tilqa′ t-tielet talba u tiddikjara li l-lok ta′ twelid tar-rikorrent Iouri Gouchtchine huwa dak ta′ **Kamenny Klyutch, Kemerovo, USSR**, filwaqt li fil-kaz ta′ martu Nadejda Gouchtchina l-post ta′ twelid taghha huwa dak ta′ **Novosibirsk Oblast, USSR**;

7. Tilqa′ r-raba′ talba u tordna t-tibdil tal-isem tal-post tat-twelid kif riportat limitatament ghad-dokumentazzjoni fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku filwaqt li l-istess tibdil fil-passaporti ghandu jkun konsegwenza awtomatika tat-tibdil fi hdan id-Direttur ntimat;

8. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b′kopja tas-sentenza ta′ din il-Qorti u dan fit-termini tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Bl-ispejjez fic-cirkostanzi kontra r-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta′ Frar, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta′ Frar, 2022**